MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 33 – 4 Leġiżlatura**

**l-Erbgħa 28 ta' Awwissu 2024**

Il-Kunsill Reġjonali u b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Gudja | Is-Sur Romeo Baldacchino |
| Sindku Marsascala | Chev. Mario Calleja |
| Sindku B'Bugia | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Stephen Grech |
| Sindku Marsa | Is-Sur Luke Farrugia |
| Sindku Żejtun | Sinjura Joan Abela |
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Gianluca Falzon |

| | |
|---|---|
| Kunsilliera Ħal Qormi | Is-Sinjura Elke Cassar Sghendo |
| Kunsillier Ħal-Għaxaq | Is-Sur Stephen Attard |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Kunsillier is-Sur Jeffery Scicluna u Sindku Christian Sammut bagħtu ittra ta' apoloġija

ASSENTI

Ma kienx hemm membri assenti

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Sa. Mariella Strout | Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Il-president is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**33.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija;**

33.1.1 Ma kienx hemm

**33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

33.2.1 Il-President ressaq il-Minuti ta' tnejn u tletin (32) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

33.2.2 Wara mozzjoni mressqa mil-President Jesmond Aquilina u s-sekondat mis-Sindku Luke Farrugia, il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

33.2.3 **Kunsiderazzjoni mill- Minuti**

**Proġett EduPlastic Watch proposta GalXlokk Measure 4: Development of Green Infrastructure**

Il-President informa li inġabret l-informazzjoni neċessarja u il-proġett EduPlastic ġie sottomess fil-ħin.

**AGM 2024**

**Il-President fakkar li nhar il-Erbgħa 11 ta' Settembru 2024 ser issir il-Laqgħa annwali** ġewwa Ġnien l-għannejja, Triq id-daħla ta' San Tumas, Żejtun fis 7pm. Huwa kompla billi irringrazzja li Sindku ta' Żejtun ta' l-ospitalità.

**33.3 Komunikazzjoni mill-president;**

Il-president presenti mozzjoni fejn informa lil Kunsill li kien qed jipproponi lis-Sindku Mario Calleja għal rwol ta' Viċi President ta' Reġjun Nofsinhar.

Il-kunsill approva unanimament il-mozzjoni.

33.3.2 **Direttiva Numru 2/2024 Revoka ta' Direttiva 1/2024 u Aġġornament dwar il-laqgħat tal-Kunsilli**

Il-president informa li Reġjun kien rċieva kommunikat mid-dipartiment fejn qed tindika li laqgħat ma jistawx jibqaw jiġu segwiti online iżda is-Sindku jew delegat irid ikun preżenti in persona waqt il-laqgħa.

**33.3.3 MALTA INTERNATIONAL CHRISTMAS CHOIR FESTIVAL 2023 FIR-REGJUN NOFSINHAR**

Il-president informa li Reġjun kien rċieva proposta sabiex lokalitajiet jiġi organizzat festival tal-Milied min korijiet internazzjonali. Dawn il-korijiet ser ikantaw f'diversi knejjes madwar ir-reġjun. Il-proposta qed tintalab sabiex ir-reġjun jkollobra f'din l-attività billi jipprovdi trasport mil-lukandi għal post ta' fejn ikun qed issir l-attività. L-ispiża stmata li ser tkun madwar 5,000 euro excl .Vat.

Il-kunsill qabel mal-proposta kif preżentata

33.3.4 Il-President informa li qed jipprezenta l-proposta sabiex issir Quiz u Treasure Hunt b'tema edukativa. Huwa qal li Reġjun talab l-assitanza ta' nies professjonli u marufa f'dan il-qasam. Dan il-proġett ser jinkludi l-lokalitajiet kollha u stamat li jiswa 15,000 ewro excl Vat. Jekk il-Kunsill jaqbel, iktar detaji dwar il-proġett ser jiġu preżentati waqt il-laqgħa annwali.

Il-Kunsill qabel.

33.3.5 **Program dwar il-Kultura fil-lokalitajiet ta' Reġjun**

Il-President informa li kien irċeva proposta li ser issir televisiv program b'tema kulturali fuq lokalitajiet madwar ir-reġjun. Dawn il-programi ser jitellaw fuq il TVM u qed jiġi stmat il ser jiswew 9,000 ewro excl Vat. Jekk il-kunsill jaqbel., ser jintaw iktar informazzjoni waqt il-laqgħa annwali.

Il-Kunsill qabel.

**33.4 Skeda ta' Pagamenti;**

33.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 07/24A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

33.4.2 Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Romeo Baldacchino u sekondat Kunsilliera Elke Cassar Sghendo il-kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija

**33.5 Rapporti**

Ma kienx hemm rapporti

**33.6** Item: Servizz ta' l-uffiċjali Maniġerjali u l-Inġinier

Il-President informa li għal benefiċju ta' Sindki u Kunsilliera ġodda ser issir preżentazzjoni mill l-uffiċjali ingaġġati ma Reġjun li qed jagħtu servizz lil Kunsilli. L-uffiċjal responsabbli mill-kura ta' l-annimali spjega li huwa qed jagħmel kuntatt ma kull Kunsillier li għandhom dekasteru kura ta' l-annimali sabiex jistabbilixxu pjan ta' kif jindirizzaw il-problema qtates u klieb abbandunati. Huwa ser ikun qed ikun preżenti f'kull kunsill fejn ikun hemm il-ħtieġa. Kompla billi spjega li kien hemm ħafna spejjez relatat ma neutering tal-qtates għalhekk kien qed jiġi ssuġġerita li kull Kunsill jalloka somma ta' flus sabiex ikun jista' issir neutering kif ukoll jinxtara l-ikel għal qtates.

L-uffiċjal maniġerjali responsabbli ta' rendikont ta diversi proġetti, li tim ta' maintence kienu qed jagħmlu fil-lokalitajiet. Huwa tenna li kien ukoll responsabbli mil l-iskemi ta' l-iffinanzjar fuq ix-xogħlijiet ta' latrini u l-iskema ta finanzjar gwardjani waqt il-festi u attivitajiet.

L-uffiċjal maniġerjali ta' l-ambjent ta' spjegazzjoni dwar is-suġġett rigward il-ħamiem selvaġġ u ir-regoli eżistenti ta' kif jista' issir il-kontroll ta' dawn il-ħamiem, dan f'sfond illi fil-laqgħa numru 32 ġie propost li sir deroga b'mod kollettiv. Huwa wera lil dawk preżenti formola li pprepara sabiex jiġbor dettalji neċessarji mingħand il-kunsilli ħalli tkun tista' tittieħed azzjoni kollettiva.

l-uffiċjal maniġerjali responsabbli mil-kultura ta' rendikont dwar l-attivitajiet li kien qiegħed jipprepara ir-reġjun. Hija tenniet li f 'rwol tagħha hija tagħti assistenza lil Kunsilli Lokali f'dak li jkun hemm bżonn relatat ma suġġett tal-Kultura

L-uffiċjal maniġerjali responsabbli mil-IT ta' rendikont dwar il diversi xogħlijiet li jagħmel ta' kuljum. Huwa tenna li bħalissa għaddejjin proġetti bħal Explore Malta fejn se jiġu identifikati points of interest ser jiġu installati beacons sabiex il-persuni li jżur pajjiżna ikunu jafu il-postijiet ta' interess fil-lokalitajiet. network installations f'diversi Kunsilli lokali ( points ta' l-internet), installazzjoni ta' Windows 11, websites qedin jiġu updated

l-uffiċjal maniġerjali staqsa li jekk ikun hemm kunsilli li ser jipparteċipaw fl- attivitajiet fuq il-European Week of waste reduction jinfurmaw ir-reġjun ħalli tkun tista' tiġi organizzata attività ħolistika. Huwa ta' spjega ta kif qed jiġu verifikati l-fatturi ta' l-iskart. Huwa kompla jispjega kif qedin jiġu solvuti diversi ilmenti.

Il-president irringrazzja lil uffiċjali ta' l-impenn tagħhom.

**33.7** **Affarijiet Oħra**

32.7.1 Il-president stieden li Segretarju Eżekuttiv sabiex tagħti update dwar it-tabelli Merħba/ Saħħa li hemm madwar il-lokalitajiet. Hija qalet li sena 2023 l-uffiċċjal Maniġerjali

responsabbli mill-proġetti u l-inġinier bdew proċess sabiex jirreġistraw i-tabelli eżistenti bil-ħsieb illi fil-futur it-tabelli jinkludu wkoll l-arma ta' reġjun. Peress illi ħafna min dawn it-tabelli jinkludu reklam ta' bank HSBC. Wara li sar kuntatt mal-bank ġie verifikat illi l-istess bank iħallas għal l-ispejjeż kollha ta' dawn it-tabelli. Għalhekk ir-Reġjun qiegħed jitlob lil Kunsilli jekk jaqblux li titneħħa ir-riklam, jekk titneħħa ir-riklam l-ispiża trid tinqasam bejn il-kunsill u ir-reġjun, jew jinstabu mezzi oħra ta' finanzjament. Kien hemm qbil li dan propost jintbagħat lil kull kunsill sabiex jiġi diskuss.

**33.8 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

33.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 pm u ġiet aġġornata għal il-Ħamis 19 ta' Settembru 2024

Konfermati llum 19 ta' Settembru2024___________________

Jesmond Aquilina
President

Mariella Strout
Segretarju Eżekuttiv